**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Bertram Zahra**

**Kumpilazzjoni Numru: 349/19**

**Illum, it-tlieta (3) ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Bertram Zahra detentur tal-karta tal-identità b'numru 340290M li gie akkuzat talli nhar id-disgha (9) ta' Gunju tas-sena 2019, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu gewwa font numru 43, Triq Indri Cilia, Hamrun:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joanne Debono, hekk kif iccertifika Dr Stephanie Palmier MD. (Reg 3974);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi f' diversi hinijiet ohra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (2500) izda huwa izjed minn mitejn u hamsin ewro (250), li saret ghad-dannnu ta' Joanne Debonn u/jew persuni ohra.;

U akkuzat talli nhar id-09 ta' Gunju, 2019, ghall-habta ta' 18:15 ta' filghaxija gewwa Triq Indri Cilia, Hamrun

3. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' James Sylvester, hekk kif iccertifika Dr Eelaine Desira Lauria MD. (Reg 2948);

4. u aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (strument li jaqta' u bil-ponta);

5. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita' mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat minhabba ragunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà ta Joanne Debono, u Sylvester James, u/jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna bizà ta' vjolenza, ai termini tal-artikolu 412C ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu

mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Fl-ahharnet il-Qorti giet mitluba titratta dan il-kas bhala wiehed ta' vjolenza domestika ai termini tal-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat li d-difiza ma kkontestatx l-arrest tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' Gunju 2020 fejn biha elenka dawk l-Artikoli li dwarhom qed jitlob li tinstab htija u cioè:

1. Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Artikolu 214, 215, 221(1) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 214, 215, 221(1) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikoli 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Artikoli 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Artikoli 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti b'mod sommarju wara li nqraw lilu l-Artikoli tal-Ligi;

Semghet ix-xhieda kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Wayne Camilleri** li pprezenta u esebixxa l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat, kopja ta'

sentenza, injama li giet allegatament uzata mill-imputat, sikkina li l-imputat allegatament uza, u tazza mkissra li giet allegatament uzata mill-istess imputat.

Jghid li fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena 2019 ghall-habta tal-hdax u nofs ta filghodu dahlet telefonata gewwa l-Ghassa tal-Hamrun mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Gie rrappurtat li gewwa l-fond nru. 43, Triq Anthony Cilia, il-Hamrun sehh argument. Intbaghtu membri tar-*Rapid Intervention Unit* u minn investigazzjoni li ghamlu gie zvelat li l-imputat Bertram Zahra kien f'argument mas-siehba tieghu u cioè Joanne Debono. Jixhed li Joanne Debono ittiehdet gewwa l-Ghassa tal-Hamrun u wara li nghatat id-drittijiet taghha stqarret li waqt dan l-argument bejniethom hi giet milquta mill-imputat. Jispjega li ghalkemm ma kellhiex griehi vizibbli, hi giet mitluba sabiex taghmel rapport mediku filwaqt li hi rrifjutat li taghmel *risk assessment* mal-Haddiema Socjali tal-Appogg. Ikompli jghid li Joanne Debono kellha funzjoni familjari li riedet tattendi u ghalhekk xtaqet taghmel certifikat mediku wara tali funzjoni.

Ikompli jixhed li Bertram Zahra gie moghti d-drittijiet tieghu u wara li gie mistoqsi dwar dan l-argument, l-istess imputat

ikkonferma li kien hemm argument bejnu u bejn Joanne Debono u li seta' laqatha f'xi hin. Jghid li Bertram Zahra kien iddikjara li kien lest li jitlaq u jghix gewwa residenza fiz-Zejtun. Jghid li stante li Joanne Debono ma marritx taghmel certifikat mediku l-imputat gie rilaxxat. Jixhed li fl-istess gurnata tal-allegat reat ghall-hamsa nieqes ghaxra ta' filghaxija Joanne Debono regghet giet l-Ghassa tal-Hamrun u xtaqet tirrapporta li wara li giet lura d-dar mill-funzjoni familjari sabet diversi hsarat fil-propjetà ta' fejn kienet qieghda tghix mal-imputat u cioè fond numru 43, Triq Indrì Cilia, il-Hamrun.

Ikompli jghid li ghall-habta tas-sitta u kwart ta' filghaxija dahlet telefonata ohra mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija gewwa l-Ghassa tal-Hamrun fejn gie rrappurtat li gewwa Triq Indrì Cilia, il-Hamrun kien hemm argument barra bejn certu individwi fejn anka ntuzat sikkina. Jikkonferma li kemm Pulizija tad-Distritt kif ukoll membri tar-*Rapid Intervention Unit* marru fuq il-post u minn indagini li sehh ikkonfermaw li f'din il-glieda kien hemm prezenti l-imputat Bertram Zahra u l-ahwa Sylvester James u Reginald James. Jghid li giet imsejha ambulanza izda l-imsemmijin nies

irrifjutaw assistenza medika però kien hemm partijiet li ghamlulhom certifikat wara.

Jixhed li l-Pulizija skopriet li l-imputat Bertram Zahra kien irritorna gewwa l-fond numru 43, Triq Indrì Cilia, il-Hamrun sabiex jiehu l-affarijiet personali tieghu u f'dak il-waqt iltaqa' ma' Joanne Debono kif ukoll kien qieghed jitkellem ma' Sylvester James u Reginald James barra minn dan il-fond. Jixhed li Bertram Zahra qabad injama sabiex isawwat lil Joanne Debono x'hin harget mid-dar u dak il-hin intervjenew Sylvester James u Reginald James sabiex iwaqfuh. X'hin gie mwaqqaf milli jipprosegwi biex isawwat lil Joanne Debono, l-imputat Bertram Zahra dahal lura gewwa n-numru 43, Triq Indrì Cilia, il-Hamrun u rega' hareg b'sikkina fejn ta daqqiet lil Sylvester James fejn ghamillu griehi ta' natura hafifa. Ikompli jghid li l-imputat Bertram Zahra gie mressaq b'arrest fil-hdax (11) ta' Gunju tas-sena 2019 quddiem il-Magistrat Dr Yanna Micallef Stafrace.

Xehdet il-vittma **Joanne Debono** li pprezentat ghadd ta' ritratti mmarkati bhala Dok. JD1. Tghid li hija l-eks mahbuba tal-imputat u li ghandhom tifel bejniethom. Tkompli tghid li hi kienet id-dar

fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena 2019 u meta kienet se tmur ghal festa ta' maghmudija kellha argument mal-imputat Bertram Zahra. Dan kien ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu u tghid li ma tiftakarx fuq xiex kienet qieghda targumenta mal-imputat. Tghid ukoll li apparti argument verbali ma kien hemm xejn aktar.

Tghid li wara l-mghamudija marret l-Ghassa tal-Hamrun u dan kien ghall-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar dakinhar stess. Tixhed li hi dahlet gewwa l-Ghassa sabiex tirraporta li l-imputat dahal gewwa l-fond numru 43, Triq Indrì Cilia, il-Hamrun u kisser xi ghamara. Tghid ukoll li l-Pulizija kienu talbuha certifikat mediku u dan ghaliex waqt l-argument li kellha mal-imputat, l-istess imputat Bertram Zahra refa' jdejh fuqha izda ma kellhiex xi affarijiet vizibbli.

Tixhed li iktar tard dakinhar fis-sitta ta' filghaxija iddecidiet li tmur torqod ghand ommha u dan ghax it-tifla taghha kienet qieghda hemmhekk. Qabdet il-basket u hi u hierga rat lill-imputat tiela' fuq il-bankina u mar ikellem lil zewg (2) persuni fil-kantuniera tat-triq. Ghalqet il-bieb warajha u qasmet il-bankina meta f'salt wiehed semghet l-istorbju. Tixhed li malli daret rat

lill-imputat Bertram Zahra mixhut fuq il-vann jaqla’ d-daqqiet ta’ ponn. Tghid li ma tiftakarx ghalxiex bdiet din il-glieda u dan iktar u iktar minhabba l-fatt li kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq. Tkompli tghid li hi dahlet f’nofshom u ppruvat tifridhom. L-imputat harab lejn id-dar u dahal gewwa d-dar stante li xi nies kienu qeghdin jigru warajh bi travu tal-injam.

Tkompli tispjega li fost l-affarijiet li ntuzaw fil-glieda kien hemm sikkina, liema sikkina kienet f’idejn l-imputat. Tishaq li l-imputat Bertram Zahra ma uzax is-sikkina ghaliex hadithielu minn idejh. Tghid u tikkonferma li l-injama prezentata bhala Dok. WC3 kienet intuzat fil-glieda bejn l-imputat Bertram Zahra u l-ahwa Sylvester James u Reginald James. Tikkonferma wkoll li s-sikkina prezentata bhala Dok. WC2 kienet l-istess li kellu Bertram Zahra f’idejh u li ma ntuzatx fil-glieda. Fuq is-sikkina tkompli tghid li hi ghandha hafna skieken u li jaf ikun il-kaz li l-istess sikkina prezentata mhix l-arma li allegatament ittiehdet mill-imputat. Tkompli tghid li mhix certa jekk bhala tul is-sikkina mmarkata bhala Dok. WC2 hiex l-istess ghal dik li ntuzat.

Tixhed li rigward l-ghamara mkissra hi lahqet xtrat ghamara gdida u anka xtaqet li ma tmexxix kontra l-imputat tant li xtaqet tahfirlu fuq l-argument li kellhom filghodu dakinhar tad-disgha (9) ta' Gunju tas-sena 2019 bil-kundizzjoni li jinghata l-ghajnuna u li jiehu tali ghajnuna.

Il-Qorti rat li <u>**Sylvester James**</u> ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri stante li ma xtaqx jinkrimina lilu nnifsu.

Il-Qorti rat li <u>**Reginald James**</u> ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri stante li ma xtaqx jinkrimina lilu nnifsu.

Xehdet <u>**Dr Stephanie Palmier**</u> li kkonfermat ic-certifikat mediku a fol. 9 tal-process huwa dak li harget hi stess meta fl-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena 2019 fil-hdax u nofs ta' filghodu hi ezaminat lil Joanne Debono. Sabet li l-istess Joanne Debono kienet qieghda tbati minn tbengila zghira fuq il-koxxa x-xellugija, ugigh generali fuq saqajha, idejha, ghonqa, daharha u genbejha. Tkompli tixhed li hi kkonfermat dawn il-griehi bhala minuri salv kumplikazzjonijiet.

Tghid li ma tiftakarx minn xiex gew ikkagunati dawn il-griehi izda tiftakar li ghamlet x-ray fuq l-istess Joanne Debono u kkonfermat li ma kienx hemm ksur f'ghonqa. Tali x-ray gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. SP1.

Xehed <u>PC 1202 Brian Magro</u> li jghid li fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena 2019 kien fuq ix-xoghol bhala second watch gewwa l-Ghassa tal-Hamrun meta wara nofsinhar gie infurmat li kien hemm argument gewwa Triq Indrì Cilia, il-Hamrun. Jghid li hu informa lis-surgent tieghu u cioè PS125 Malcolm Mifsud. L-istess PS125 Malcolm Mifsud mar fuq il-post u infurmah li kien hemm madwar tliet min-nies li nqabdu fi glieda u cioè Bertram Zahra kif ukoll Reginald James u Sylvester James.

Jixhed li hu ha l-verzjonijiet rispettivi taghhom tal-allegat incident. Jispjega li Sylvester James kien qallu li kien qieghed jitkellem mal-imputat Bertram Zahra meta f'certu hin l-istess imputat ra s-siehba tieghu u hebb ghaliha. Jghid ukoll li Sylvester James flimkien ma' huh Reginald James qabzu ghaliha u ddefendew lis-siehba tal-imputat u cioè Joanne Debono.

Jixhed li fuq dan l-incident sar rapport li hejja hu stess. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. BM1

Xehdet <u>Dr Elaine Desira Lauria</u> li kkonfermat li c-certifikat a fol. ghaxra (10) tal-process gie mahrug minnha. Tkompli tikkonferma li Sylvester James gie ccertifikat li kellu zewg qasmiet superficjali ta' madwar centimetru. Qasma fit-tarf ta' subajgh iz-zghir tal-id il-leminija u l-qasma l-ohra fit-tarf tas-subgha tal-lemin. Tixhed li Sylvester James seta' jcaqlaq idejh normali u li ma kellux bzonn punti. Tghid ukoll li diment li ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet, in-natura tal-griehi giet ikklassifikata bhala wahda hafifa.

Xehed <u>PS 267 Anthony Cassar</u> li jghid li fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena 2019 ghall-hdax u nofs ta' filghodu gie infurmat li kien hemm argument gewwa l-fond nru. 43, Triq Indrì Cilia, il-Hamrun u ghalhekk baghat lin-nies tieghu fuq il-post. Jghid li fuq il-post instabu Joanne Debono kif ukoll l-imputat Bertram Zahra u spiccaw f'argument bejniethom rigward xi flus li missier Joanne Debono kellu jaghti lill-imputat. Jghid li Joanne Debono stqarret li hu hebb ghaliha u dan wara li hu heddidha.

Ikompli jixhed li Joanne Debono ma riditx taghmel *risk assessment* mal-Appogg u l-anqas ma riedet certifikat tat-tabib. Jghid li kull ma riedet li l-imputat jinhareg 'il barra mill-fond fejn sehh l-allegat reat. Jghid li l-imputat ittiehed l-Ghassa tal-Hamrun fejn ix-xhud kellmu u kkalmah. Wara li Joanne Debono ma riditx taghmel rapport fuq l-imputat, l-istess Bertram Zahra inheles u dan stante li Joanne Debono xtaqet biss li johrog mid-dar u hi tkompli sejra ghal funzjoni familjari dakinhar stess.

Jixhed li l-imputat rega' mar gewwa l-fond numru 43, Triq Indrì Cilia, il-Hamrun u beda jibghat messaggi lil Joanne Debono u jheddidha li ser ikisser kull m'hemm. Ghalhekk l-imputat kellu jerga' jingieb l-Ghassa tal-Hamrun fejn kellu jigi verifikat x'gara u l-istess xhud hejja rapport.

Xehed **<u>PS 125 Malcolm Mifsud</u>** li fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena 2019 hu gie infurmat li gewwa Triq Indrì Cilia, il-Hamrun fegg argument fejn intuzat sikkina. Dan sar jafu b'permezz ta' rapport li dahal fis-sitta u kwart ta' filghaxija. Jghid li dak il-hin l-imputat Bertram Zahra kien qieghed gewwa l-fond numru 43, Triq Indir Cilia, il-Hamrun. Jghid li l-imputat stqarr mieghu li Reginald

James u huh Sylvester James hebbew ghalih. Jghid li l-imputat dahal gewwa u hareg b'sikkina sabiex jiddefendi lilu nnifsu miz-zewg ahwa. Jixhed li dak il-hin Joanne Debono haditlu s-sikkina minn idejh.

Jixhed li fuq il-post kellem lil Reginald James u Sylvester James u ha l-verzjonijiet rispettivi taghhom. Jghid li Reginald James stqarr mieghu li hu u huh Sylvester James kienu qeghdin fejn vann gewwa Triq Indrì Cilia meta hin minnhom mar l-imputat Bertram Zahra hdejhom u qaghdu jitkellmu. L-istess Reginald James stqarr li f'certu punt kien qieghed isostni mal-imputat li ma kienx qieghed jittratta lil Joanne Debono sew. Jghid li l-istess Joanne Debono kienet qieghda titkellem ma' omm Reginald James meta l-imputat qabad injama minn gewwa vann u pprova jhebb ghall-istess Joanne Debono. Reginald James jistqarr max-xhud li dak il-hin huh Sylvester James qabad l-injama biex iwaqqaf l-imputat milli jkompli.

Jixhed li Reginald James stqarr mieghu li appena l-imputat induna li Sylvester James waqfu milli juza l-injama, l-istess imputat Bertram Zahra dahal god-dar u hareg b'sikkina. Jixhed li Reginald

James stqarr li l-imputat kompla biex jaghti daqqa ta' sikkina lil Sylvester James fuq idejh. Hekk kif l-imputat attakka lil Sylvester James giet Joanne Debono u haditlu s-sikkina minn idejh.

Xehedet **Benjamina Mifsud** li pprezentat zewg (2) sentenzi mmarkati bhala Dok. BM1 u Dok. BM2.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)*

*(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li l-imputat ikkommetta r-reati allegati mill-prosekuzzjoni. Dan ghaliex minkejja li giet mahtura Dr Marisa Cassar bhala espert forensiku sabiex tanalizza l-esebiti mmarkati bhala Dok. WC2 u Dok. WC4, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci tali espert sabiex tesebixxi kwalsiasi rapport forensiku.

Din il-Qorti tinnota wkoll li ma ngabet ebda stima tal-allegat hsarat li l-imputat allegatament wettaq gewwa l-fond numru 43, Triq Indrì Cilia, il-Hamrun. Din il-Qorti tinnota wkoll il-fatt li s-sentenzi li gew esebiti ma gewx konfermati li huma *res judicata*.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet <u>**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**</u> moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni*

*lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

> *"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

**IKKUNSIDRAT**

<u>Xhieda Prodotti</u>

Illi f'dawn il-proceduri gew prodotti diversi xhieda u ghaldaqstant din il-Qorti sejra tanalizza liema huma dawk li joffru certezza u dawk li mhumiex ta' min jistrieh fuqhom.

Illi l-Qorti sejra teskludi parti sostanzjali tax-xhieda li taw l-Ufficjali Prosekutur kif ukoll il-membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu involuti f'dan il-kaz. Tali xhieda, minkejja li hemm il-probabbiltà li huma precizi u korretti, ghandhom jitqiesu bhal *detto del detto.* Referenza ssir ghal artikolu 598(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

> *"Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti."*

Illi x-xhieda moghtija minn Dr Stephanie Palmier hi wahda importanti hafna ghal din il-Qorti. Dan ix-xhud ikkonfermat li l-parte civile Joanne Debono kienet qieghda tbati minn griehi ta'

natura hafifa. Din il-Qorti tinnota li d-difiza ma kkontestatx din ix-xhieda.

Illi x-xhieda tal-parte civile Joanne Debono hija wahda li ftit li xejn taghti stampa cara ta' x'gara u x'ma garax dakinhar tal-allegat incident. Minkejja dan, din il-Qorti xorta wahda hija konvinta li elementi tal-istess xhieda huma krucjali sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha u dan kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem.

<u>Natura tal-Griehi</u>

Illi mix-xhieda moghtija minn Dr Stephanie Palmier jirrizulta li Joanne Debono sofriet griehi ta' natura hafifa. Din il-Qorti sejra tikkwota lil <u>**Prof. Mamo fin-Noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali**</u>:

> "*Any bodily harm which does not produce any of the effects mentioned in sections 230, 232 and 234 is deemed to be slight (Section 235 (l)). In effect, a bodily harm which is not grievous is slight. But, of course, the definition which section 228 gives of bodily harms*

*generally, applies also to slight bodily harms. In other words, a slight bodily harm:*

*(a) consists in a harm to the body or health or in a mental derangement which is not grievous within the meaning of the said Sections 230, 232 and 234 and which:*

*(b) is caused by a person acting without any intention to kill or to put the life of any person in manifest jeopardy but with the intention of causing a personal hurt.*

*A stab or a cut or any contused or lacerated wound or mental shock or any other hurt or injury calculated to interfere with the health or comfort of a person, caused in the foresaid circumstances, would be sufficient to constitute slight bodily harm. The nature of the instrument or means with which it is caused, or the manner how it is caused is, generally, immaterial."*

Illi din il-Qorti qieghda taghmel referenza ghall-fatt li l-parte civile stess sahqet li fl-argument li kellha mal-imputat fl-ebda hin ma refa' idejh fuqha u ghalhekk tikkuntradixxi dan ic-certifikat mediku:

| | |
|---|---|
| *"Spettur Wayne Camilleri:* | *Gara xi haga imma ohra waqt dan l-argument apparti argument verbali?"* |
| *Joanne Debono:* | *Le mhux daqshekk."* |

Illi din il-Qorti tissenjala mill-gdid l-inkonsistenza ta' dan ix-xhud meta fix-xhieda taghha hi tghid hekk dwar ic-certifikat mediku:

| | |
|---|---|
| *"Spettur Wayne Camilleri:* | *Inti dakinhar x' hin ergajt mort id-dar, il-Pulizija kienu talbuk xi haga ohra li kienu ga talbuk. Tghdilna naqra x'inhi?* |
| *Joanne Debono:* | *Certifikat.* |

*Spettur Wayne Camilleri:* *Certifikat. U ghalfejn kienu talbuk ic-certifikat il-Pulizija Sinjura?*

*Joanne Debono:* ***Ghax meta konna qed nargumentaw kien ghollha naqra idu hekk** imma ma kellhiex xi affarijiet vizibbli pero` kienu tawni parir li mmur naghmel certifikat xorta."*

Illi l-parte civile fix-xhieda taghha wriet ix-xewqa taghha li tahfer lill-imputat. Oltre minn hekk il-Qorti qieghda tiehu qies tal-fatt li l-istess Joanne Debono sahqet li l-argument kien xejn verbali biss. Ghahekk ampja referenza se ssir ghall-artikolu *** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"***"*

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ssib lill-imputat mhux hati ta' dan l-aggravju fil-konfront ta' Joanne Debono.

Illi rigward l-allegati griehi li sofra l-parte civile Sylvester James, stante l-fatt li l-istess vittma rrifjuta milli jixhed f'dawn il-proceduri din il-Qorti ma tistax issib htija. Dan minkejja c-certifikat mediku li gie pprezentat minn Dr Elaine Desira Lauria li huwa esebit a fol. 10 tal-process. Bil-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni ta' kif il-parte civile Sylvester James sar vittma tal-griehi hfief. Ghalhekk din il-Qorti ser issib lill-imputat mhux hati ta' dan l-aggravju fil-konfront ta' Sylvester James.

<u>Il-Hsara Materjali</u>

Illi ma ngabet ebda prova rigward il-hsara li l-imputat allegatament wettaq. Dan stante l-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta stima tal-hsarat li l-imputat allegatament wettaq. Oltre minn hekk Joanne Debono stess xehdet li kienet lahqet xtrat ghamara gdida sabiex tissostitwixxi dak li kien imkisser.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ssib lill-imputat mhux hati ta' dan l-aggravju.

<u>Licenzjar tal-Arma</u>

Illi l-prosekuzzjoni pprezentat sikkina mmarkata bhala Dok. WC2. Fuq din is-sikkina kull ma hemm sabiex din il-Qorti tkun konvinta li din ntuzat u li kienet fil-pussess tal-imputat hija x-xhieda tal-parte civile Joanne Debono.

Illi din il-Qorti ser tistrieh fuq ix-xhieda li tat Joanne Debono a fol. 52 fejn tghid hekk:

*"Spettur Wayne Camilleri: Din xi tghidilna fuqha Sinjura?*

*Joanne Debono: Sikkina*

*Spettur Wayne Camilleri: Imma x' sikkina?*

*Joanne Debono:* ***Li kellu Bertram f' idejh.****"*

Illi l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li iktar tard fl-istess xhieda taghha Joanne Debono wriet incertezza jekk kinitx dik is-sikkina esebita li kellu f'idejh l-imputat. Minkejja dan, din il-Qorti hija inklinata li tiskarta ghal kollox dik il-parti tax-xhieda taghha.

Illi kif digà gie ritenut l-prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi analizi forensika ta' din is-sikkina. Oltre minn hekk hemm dubji dwar jekk is-sikkina mmarkata bhala Dok. WC2 intuzatx mill-imputat stante il-fatt li kemm-il darba gie ritenut li l-parte civile Joanne Debono hadet is-sikkina minn id l-imputat u li qatt ma ntuzat. Huwa car li din il-Qorti kien ikollha iktar certezza li kieku xehed Sylvester James kif ukoll li kieku gie pprezentat l-analizi forensika.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat mhux hati ta' dan l-aggravju. Dan peres li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova u tikkonferma li l-arma ntuzat mill-imputat fit-twettiq tal-allegati reati.

<u>Artikolu 338 (dd) u Artikolu 339 (e) tal-Kodici Kriminali</u>

Illi l-artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "*Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –*

*(dd). b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku."*

Illi din il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 339 (1)(e) li jghid hekk:

"*Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min –*

*e). jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkazjoni temfasizza f'diversi sentenzi taghha b'mod partikolari fis-sentenza bl-ismijiet Pulizija vs Monica Polidano (AK per Imhallef Vincent Degaetano) deciza 25/06/2001 fejn intqal li:-

"*bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba*

*ccirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba lpossibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha talkaz. Hu evidenti, per ezempju, li persuna li tigi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruhha (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun diga saritilha) necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il- persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli, u ghalhekk ma jistax jammonta ghal breach of the peace. L-istess ikun il-kaz jekk persuna tingurja animus retorquendi fil-limiti tal-Artikolu 339(1)that imsemmi - ikun kontrosens li wiehed jghid li dik l-ingurja ma tammontax ghal reat pero` l-fatt fih innifsu jammonta ghal reat iehor (taht l-Art. 338(dd)).*"

Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull "disturbance to the peace and good order" sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa u jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Illi ugwalment u kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali filkawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil** (dec 23/06/1994):

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata flartikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l- akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba lpossibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-*

*reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Illi wara analizi retta ta' dawn is-sentenzi ccitati, il-Qorti regghet rat dak li ntqal minn Joanne Debono li xehdet dwar dakinhar tal-allegat incident:

*"Joanne Debono:* ***Jien ma nafx x'kien qed jintqal sakemm kont qieghda gewwa*** *jiena bejniethom. Jiena hrigt bil-baskett, qsamt il-bankina faccata u bdiet il-glieda hemmhekk.* ***Jien ma smajt xejn u anqas ma rajt xejn qabel.****"*

Illi l-Qorti regghet rat li kemm Sylvester James kif ukoll huh Reginald James naqsu milli jaghtu x-xhieda taghhom.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li stante n-nuqqas da parti tal-parte civile milli jispjegaw fid-dettall ta' x'gara dakinhar, il-prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova din l-akkuza. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax issib htija ghal dawn il-kontravvenzjonijiet.

## Recidiva

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm gewipprezentati diversi sentenzi a rigward dan l-aggravju, madanakollu l-ebda persuna ma kkonfermat li dawn is-sentenzi llum il-gurnata huma definittivi u *res judicata*. Illi ghalhekk dan l-aggravju ma giex ippruvat.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 28B, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 217, 230, 325(1)(b), 338(dd), 339(e), 383, 384, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Bertram Zahra** mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu stante li dawn ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**